30 ta' Mejju, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*;
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Falliment ta' Joseph Grixti**

**Appell lill-Maestà Tagħha lir-Reġina fil-Kunsill Privat — Falliment — Cessazzjoni tal-Pagamenti — Art. 2 (a) tal-Order in-Council tal-1909**

*Sabiex jingħata permess b'jedd għal appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat, jeħtieġ li s-sentenza li minnha jintalab li jsir appell tkun finali, u li l-ħaġa li hemm appell fugha tkun ta' ammont jew ta' valur ta' £500 jew iżjed, jew li fil-ħaġa li hemm appell fugha tkun tidħol, direttament jew indirettament, xi pre-*

*tensjoni jew kwistjoni fuq jew dwar proprjetà jew jedd ċivili ta' ammont jew ta' valur ta' £500 jew iżjed.*

*Sentenza li tiffissa d-data li fiha kummerċjant għandu jiġi ritenut li ġa kien fallut taffetta l-voċizzjoni patrimonjali ta' kummerċjant ieħor li jkun għamel operazzjoni mal-kummerċjant fallut f'dik l-epoka; għax b'effett tal-fissazzjoni ta' dik id-data jiġi illi saret fl-epoka taċ-ċessazzjoni tal-pagamenti, u illi saret għalhekk suġġetta li tiġi annullata. Għaldaqstant il-preġudizzju għal dak il-kummerċjant hu finali, u, jekk l-operazzjoni hi tal-valur ta' £500 jew iżjed, huwa jiġi preġudikat f'meritu ta' £500 jew iżjed. U għalhekk id-dritt tiegħu li jappella b'jedd lill-Privy Council minn dik is-sentenza hu bażat; għax jirrikorri l-valur flimkien mal-finalità tas-sentenza.*

*Għalkemm il-proċeduri tal-falliment, bħala tali, jitqiesu globalment, eppure jikkonsistu f'diversi proċeduri singoli; u s-sorta ta' x'uħud minn dawk il-proċeduri tista' tkun tali, li, għalkemm jidħlu fil-falliment, ikunu verament separabbli u distingwibbli bħala entità ġuridika għalihom. Hekk, bis-sentenza li tiffissa d-data taċ-ċessazzjoni tal-pagamenti jiġi irrevokabilment stabbilit f'sens sfavorevoli għall-kummerċjant li jkun għamel operazzjoni kummerċjali mal-fallut f'dik l-epoka element bażilari ta' l-azzjoni ta' annullament ta' att kompjut bejnu u bejn il-fallut — azzjoni li għaliha jiġi assoġġettat dak l-att, u li għandha entità separata u distinta. U għalhekk, f'każ simili, il-kelma "final" għandha portata li għandha tiġi meqjusa, mhux in relazzjoni mat-tmiem tal-proċeduri fallimentari, imma in relazzjoni ma' dik l-azzjoni.*

Il-Qorti; — Rat il-petizzjoni ta' Domenico Pantalleresco, li biha espona illi fil-31 ta' Marzu, 1955, l-imsemmi Joseph Grixti ppreżenta quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ nota li biha ddikjara li, in vista li kien waqaf milli jagħmel il-pagamenti ta' l-oġġetti minnu mixtrija, iddikjara li kien fi stat ta' falliment;

Illi l-imsemmija Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, b'sentenza tat-23 ta' April, 1953, iddikjarat u ddeċidiet li l-istess Joseph Grixti hu fi stat ta' falliment mill-ewwel ta' April,

1952, salv li tiġi stabbilita kwalunkwe data oħra anterjuri, f'kull żmien fil-kors tal-proċeduri tal-falliment;

Illi l-istess Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, b'sentenza oħra tagħha ta' l-14 ta' Ottubru, 1954, iddikjarat u ddeċediet illi l-imsemmi Joseph Grixti għandu jiġi ritenut jinsab fi stat ta' falliment mill-ewwel ta' Diċembru, 1951, u ordnat li l-ispejjeż ikunu a kariku tal-falliment, konsegwibbli fl-istess mod kif ikunu konsegwibbli l-krediti rispettivi;

Illi l-esponent, bħala wieħed mill-kredituri ta' l-imsemmi Joseph Grixti, ħass ruħu aggravat mill-imsemmija sentenza ta' l-14 ta' Ottubru, 1954, u b'nota ppreżentata fil-21 ta' Ottubru, 1954, interpona appell mill-imsemmija sentenza quddiem din l-Onorabbli Qorti;

Illi bil-petizzjoni preżentata mill-esponent fil-5 ta' Novembru, 1954, dan talab li l-imsemmija sentenza, mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-14 ta' Ottubru, 1954, tiġi riformata fis-sens li l-imsemmi Joseph Grixti jiġi dikjarat fi stat ta' falliment minn data posterjuri għal dawk fissati mill-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż; u dan għall-motivi hemm indikati;

Illi din l-Onorabbli Qorti, b'sentenza tal-15 ta' April, 1955, *irriġettat l-appell interpost minn Domenico Pantalleresco*, u kkonfermat id-deċiżjoni minnu appellata; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Illi l-esponent iħoss ruħu aggravat mis-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Illi *l-meritu nvolut huwa superjuri għas-somma ta' £500*, u għalhekk talab li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħtieh il-permess biex jappella mill-imsemmija sentenza tal-15 ta' April, 1955 għal quddiem il-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat Tagħha;

*Omissis;*

*Ikkunsidrat;*

Dan hu każ fejn qiegħed jintalab il-permess għall-appell taħt ir-Regolament 2(a) ta' l-Order-in-Council ta' l-1909, kif emendat bl-ieħor tal-5 ta' Novembru, 1942, ċjoè appell "b'jedd" li, sabiex jista' jsir, jeħtieġ li s-sentenza li minnha

jintalab li jsir appell tkun finali, u l-ħaġa li hemm appell fuqha tkun ta' ammont jew ta' valur ta' £500 jew iżjed, jew li fil-ħaġa li hemm appell fuqha tkun tidħol, direttament jew indirettament, xi pretensjoni jew kwistjoni fuq jew dwar proprjetà jew jedd ċivili ta' ammont jew ta' valur ta' £500 jew iżjed;

Fil-petizzjoni jingħad li l-meritu nvolut huwa superjuri għas-somma ta' £500;

Issa, is-sentenza li minnha qiegħed jintalab li jsir appell lill-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina hi dik ta' din il-Qorti tal-15 ta' April, 1955 (ara kopja fol. 528), li kkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li biha ġiet fissata d-data ta' l-ewwel ta' Diċembru, 1951, bħala dik li fiha Joseph Grixti għandu jiġi ritenut li kien jinsab fi stat ta' falliment;

Hu indubitat li bil-fissazzjoni ta' dik id-data, li fiha saret bejn il-petizzjonant u Grixti operazzjoni ta' "datio in solutum" ta' £5,900, il-pożizzjoni patrimonjali tal-petizzjonant ġiet affettata; għax b'effett tal-fissazzjoni ta' dik id-data ġie illi l-operazzjoni saret fl-epoka taċ-ċessazzjoni tal-pagamenti, u illi saret kwindi suġġetta għad-dispost ta' l-art. 577 (2) Kap. 17, li ċjoè tiġi annullata, u (dak li hu importanti) fl-azzjoni ta' l-annullament, esperibbli mill-kuratur għan-nom tal-massa, il-"*consilium fraudis*" u l-"eventus damni" jiġu preżunti, appuntu għax id-data fissata fis-sentenza timplika li l-operazzjoni saret fiż-żmien tal-falliment (ara Debono, Fallimento nel Diritto Maltese, p. 55). Din il-preżunzjoni, konsegwenza tas-sentenza li minnha issa l-petizzjonant irid jappella, tippreġudikah f'dik l-azzjoni, u l-preġudizzju hu għaliex *finali*, u tippreġudikah f'meritu superjuri għal £500. Jgħid il-Bentwich — "Practice of the Privy Council", 3rd edition, p. 107): "The rule is that the judgment is to be looked at as it affects the interests of the party who is prejudiced by it, and who seeks to relieve himself from it by appeal". Ma hemmx dubju li b'dik is-sentenza, fissanti dik id-data, l-interessi tal-petizzjonant ġew affettati f'ammont aktar minn £500; u mhux b'sentenza provviżorja, iżda finali;

Din il-Qorti, fil-preparazzjoni ta' din is-sentenza, żammet quddiem għajnejha sentenzi tagħha preċedenti għar-rigward ta' l-*interpretazzjoni tal-kelma* "final" fl-Order-in-Council. Iżda f'dan il-każ hemm dan l-aspett speċjali. Il-proċeduri tal-falliment, għalkemm bħala tali jitqiesu globalment, eppure jikkonsistu f'diversi proċeduri singoli; u x-xorta ta' x'uħud minn dawn il-proċeduri tista' tkun tali li, għalkemm jidħlu fil-falliment, ikunu verament separabbli u distingwibbli bħala entità ġuridika għalihom. Hekk, fil-każ in ispeċje, bis-sentenza, ġiet fissata d-data taċ-ċessazzjoni tal-pagamenti b'mod li ġie irrevokabilment stabbilit f'sens sfavorevoli *għall-petizzjonant element bażilari* ta' l-azzjoni ta' l-annullament ta' att kompjut bejnu u l-fallut, azzjoni li għandha entità separata u distinta. Minn dan jiġi li fil-każ in ispeċje l-portata tal-kelma "final" għandha tiġi meqjusa, mhux in relazzjoni għat-tmiem tal-proċeduri fallimentari, imma in relazzjoni għal dik l-azzjoni;

Għalhekk tiddeċidi illi tilqa' t-talba, u tagħti lill-petizzjonant il-permess kondizzjonali li jinterponi appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat mis-sentenza fuq imsemmija, taħt il-kondizzjoni li, fi żmien xahar, jagħti garanzija tajba u biżżejjed, f'somma ta' £500, għat-tmexxija kif imiss ta' l-appell, u għall-ħlas ta' dawk l-ispejjeż kollha li jkollhom jingħataw lill-appellat fil-każ li l-petizzjonant ma jaqlgħax ordni li jagħtih permess finali li jappella, jew fil-każ li l-appell jiġi aniċħud għax ma jkunx tkompla, jew fil-każ li l-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill tordna lill-petizzjonant li jħallas l-ispejjeż ta' l-appell (skond ma jkun il-każ); u tagħti wkoll lill-petizzjonant żmien tliet xhur sabiex dan jieħu *l-passi meħtieġa biex ifittex li l-proċess jitlesta, kompriża* t-traduzzjoni tiegħu, u jinbagħat l-Ingilterra. L-ispejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu riżervati għall-proċediment għall-permess finali.

---